# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-28 ta´ Settembru 2023**

**Talba nru. 125/2021**

**DR. MAJA VELLA (I.D. 134365 (A))**

***VERSUS***

**A.P.T.C. LIMITED (C 63567)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fis-26 t´April 2021 (a fol 1 et seq), l-attriċi talbet l-ammont ta´ elfejn u seba´ mija u erbgħa Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 2704.75) rappreżentanti xogħolijiet eżegwiti mill-attriċi fuq inkarigu tas-soċjeta´ konvenuta.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tal-31 ta´ Mejju 2019 fejn l-attriċi ġiet awtorizzata tipproċedi bin-notifika lis-soċjeta´ konvenuta (a fol. 13).

Ra illi fid-9 ta´ Ġunju 2021 is-soċjeta´ konvenuta ġiet debitament notifikata (a fol. 15).

Ra illi s-soċjeta´ konvenuta ippreżentat ir-risposta tagħha fit-23 ta´ Ġunju 2021 (a fol. 19).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta´ dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fit-3 t´Ottubru 2022, l-attriċi għalqet il-provi.

Ra illi fil-5 ta´ Diċembru 2022, is-soċjeta´ konvenuta għalqet il-provi.

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

<u>Ikkunsidra</u>

F´dan il-każ jidher illi l-attriċi u s-soċjeta´ konvenuta ma jaqblux dwar ir-relazzjoni ta´ bejniethom. Għal finijiet ta´ kjarezza, dan it-Tribunal innota illi kien hemm diversi persuni msemmija biss pero´ tali partijiet ma hemmx għalfejn ikunu diskussi *stante* illi fl-aħħar mill-aħħar, ir-relazzjoni ta´ bejn l-attriċi u s-soċjeta´ konvenuta għandha tkun stabbilita biss.

Bħala l-ewwel punt, is-soċjeta´ konvenuta saħqet fir-risposta tagħha u anke fix-xhieda illi ma kellha ebda relazzjoni mal-attriċi. Is-soċjeta´ konvenuta tisħaq illi hi kellha biss relazzjoni ma´ persuna bl-isem Damnjanovic Ljubisa, jew hekk kif kien magħruf bħala Yuba, pero´ ċ-ċekkijiet a fol. 24 datat 25 t´Ottubru 2018 u a fol. 26 datat 5 ta´ Novembru 2018 huma f´isem l-attriċi. Dan it-Tribunal iqis illi li kieku verament ma kien hemm ebda relazzjoni bejn l-attriċi u s-soċjeta´ konvenuta, ċertament li s-soċjeta´ konvenuta ma kinitx tkun komda sabiex toħroġ iċ-ċekkijiet f´isem l-attriċi, iktar u iktar meta llum il-kontrolli fuq il-ħasil tal-flus żdiedu wkoll. Għaldaqstant, *stante* illi jidher miċ-ċekkijiet illi s-soċjeta´ konvenuta ħarġet f´isem l-attriċi, u liema ammonti l-attriċi ammettiet pjenement li rċevit (a fol. 5), it-teżi tas-soċjeta´ konvenuta hi kontradetta għall-aħħar mill-provi prodotti mill-istess soċjeta´ konvenuta u cioe´ mill-pagamenti illi s-soċjeta´ konvenuta ppreżentat (a fol. 20 *et seq*) b´dan illi dan it-Tribunal jikkonkludi illi kien hemm relazzjoni bejn l-attriċi u s-soċjeta´ konvenuta.

It-tieni punt li jrid ikun iċċarat hu min hu Damnjanovic Ljubisa. Damnjanovic Ljubisa kien ħaddiem jaħdem mal-attriċi, hekk skond ix-xhieda tal-istess attriċi a fol. 37. Irid jingħad illi għalkemm l-attriċi tgħid illi fir-rigward ta´ Damnjanovic Ljubisa *"I applied for his working permit and he was employed by me"* (a fol. 37), jidher illi Damnjanovic Ljubisa fir-realta´ seta´ biss jaħdem ma´ ċertu Martinovic Vojko sal-14 t´Ottubru 2018. Biss pero´ la darba l-attriċi tixhed u tipprovdi dokumenti li juru illi l-pagamenti ta´ *cash payment* fl-ammont ta´ ħames mitt Ewro u ta´ elf Ewro f´ċekk (a fol. 5 u 37) illi saru lil Damnjanovic Ljubisa mis-soċjeta´ konvenuta, l-attriċi rċevithom, dan it-Tribunal ser jistrieħ fuq it-teżi illi Damnjanovic Ljubisa verament kien b´xi mod jaħdem mal-attriċi.

Biss pero´, punt important ferm hu illi fid-dawl ta´ dawn il-provi kollha, dan it-Tribunal hu konvint illi l-attriċi rċevit mis-soċjeta´ konvenuta l-ammonti kollha illi tħallsu lil Damnjanovic Ljubisa b´permezz ta´ ċekkijiet *stante* illi l-attriċi, xehdet illi rċevit pagamenti oħrajn illi saru lil Damnjanovic Ljubisa u l-attriċi, għalkemm xehdet illi Damnjanovic Ljubisa kien ħaddiem tagħha, naqset milli ttellgħu xhud (a fol.131). Dan it-Tribunal pjenement jemmen illi ix-xhieda ta´ Damnjanovic Ljubisa kienet important ferm f´dan l-istadju u fin-nuqqas ta´ provi konkreti li juru mod ieħor, tali dubju jmur favur is- soċjeta´ konvenuta *stante* illi Damnjanovic Ljubisa kien ħaddiem jaħdem mal-attriċi.

Għaldaqstant, filwaqt illi l-attriċi saħqet illi għad trid tirċievi l-ammont ta´ elfejn u seba´ mija u erbgħa Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 2704.75) mis-soċjeta´ konvenuta, dan it-Tribunal ser inaqqas minnu l-ammonti ta´ ħames mija u ħamsa u ħamsin Ewro u ħamsa u sebgħin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 555.75), mitejn u disgħa u disgħin Ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 299.25) u mija u tlieta u ħamsin Ewro u disgħin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 153.90) mill-ammont dovut lill-attriċi b´dan illi l-ammont illi s-soċjeta´ konvenuta għad għandha pendenti lejn l-attriċi hu ta´ elf u sitt mija u ħamsa u disgħin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 1695.85). Għal kull buon fini, qed jingħad illi filwaqt illi l-attriċi tixhed illi l-pagamenti ta´ *cash payment* kien fl-ammont ta´ ħames mitt Ewro mentri s-soċjeta´ konvenuta tipprovdi kopja ta´ ċekk b´dan l-istess ammont f´isem

Damnjanovic Ljubisa (a fol. 28), dan l-ammont ingħata darba u jirreferi għall-istess *stante* illi ċ-ċekk hu datat 4 ta´ Diċembru 2018 (a fol. 28) u l-attriċi jidher illi ddikjarat dan l-ammont fl-istatement of account fis-7 ta´ Diċembru 2018 (a fol. 5). Jidher allura illi Damnjanovic Ljubisa sarraf dan iċ-ċekk u pprovda l-amont f´*cash* lill-attriċi.

Inoltre´ dan it-Tribunal hu sodisfatt mill-provi prodotti illi l-prezzijiet illi kienu miftiehma bejn il-partijiet huma dawk ipprovduti mill-attriċi u liema provi huma ppreżentati a fol. 39.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tal-attriċi għall-ammont ta´ elf u sitt mija u ħamsa u disgħin Ewro u ħamsa u tmenin ċenteżmu tal-Ewro (Eur 1695.85) b´dan illi jibda jiddekorri l-imgħax ta´ tmienja fil-mija (8%) fuq dan l-ammont mit-18 ta´ Frar 2019, hekk kif tipprovid l-Liġi. L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri biss huma tliet kwarti a kariku tas-soċjeta´ konvenuta u kwart a kariku tal-attriċi. L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta mal-ittra uffiċjali jibqgħu a kariku tal-attriċi.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur